**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 16 ta` Lulju 2018**

**Rikors Nru. 356/2018 JZM**

**Wara l-Mandat ta` Arrest ta` Bcejjec tal-Bahar `il fuq minn ghaxar metri (Kawtelatorju) numru 1078/2017 u fl-atti tal-kawza numru 729/2017 fl-ismijiet :-**

**Christopher Mifsud (detentur tal-karta ta` l-identita` numru 278082M)**

***vs***

**Giana G. Limited (C30831)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Fis-<u>17 ta` April 2018</u>, Giana G. Limited ("**<u>Giana G.</u>**") ipprezentat rikors fejn, ghar-ragunijiet indikati, talbet lil din il-Qorti sabiex :-

*1. Tirrevoka ai termini tal-artikoli 830(2)(a) u/jew 8361)(c) u in vista tac-cedola ta` depozitu li qed tigi prezentata kontestwalment ma` dan ir-rikors, il-mandat ta` arrest kawtelatorju numru 1078/2017 ;*

*2. Tiddikjara li l-mandat ta` arrest kawtelatorju huwa intempestiv u/jew sar b`qerq, in kwantu ma saret l-ebda talba lis-socjeta` esponenti ghall-hlas ta` ebda somma allegatament dovuta lir-rikorrent Christopher Mifsud jew sabiex toffri sigurta` kontra l-istess qabel ma ntalab l-istess mandat ;*

*3. Tikkundanna lill-istess Christopher Mifsud ihallasha penali ta` mhux anqas minn hdax-il elf u sitt mitt Ewro ghar-raguni kkontemplata fl-artikolu 861 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*4. F`kaz li ma tilqax it-tieni talba u minghajr pregudizzju ghall-istess tikkundanna lill-istess Christopher Mifsud ihallasha penali ta` mhux anqas minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa` mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) ghar-raguni kkontemplata fl-artikolu 836(8)(b) tal-istess Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Mar-rikors kienu prezentati dokumenti.

Christopher Mifsud (**"Mifsud"**) ipprezenta risposta fl-24 ta` Mejju 2018 fejn ghar-ragunijiet illi fisser talab lill-Qorti sabiex tichad it-talbiet tal-ezekutata bl-ispejjez kontra taghha.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tat-12 ta` Lulju 2018.

B`ordni taghha, kienu allegati l-atti tal-Mandat.

Rat l-atti tal-Mandat.

Rat l-atti l-ohra ta` dan il-procediment.

Ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. Il-Mandat

Mifsud talab u kiseb il-hrug tal-Mandat de quo fuq il-bastiment M Y Giana G. in kawtela ta` kreditu pretiz ghar-raguni illi :

***... ghalkemm kien impjegat skont kuntratt ta` impieg datat 1/07/2014 mas-socjeta` ntimata bhala Yacht Master, hawn anness u mmarkat bhala Dokument CM1, wettaq diversi xogholijiet li jmorru lil hinn mid-dmirijiet tieghu skont l-anness kuntratt fuq il-bastiment MY Giana G. fuq inkariku tas-socjeta` ntimata u ghad fadal x`jithallas <u>l-ammont ta` hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000)</u> salv ghal ammonti ohra dovuti li ghadhom iridu jigu likwidati fil-kawza opportuna tenut kont ix-xoghol vast li ghamel ...*** (sottolinear ta` din il-Qorti)

## III. <u>L-ewwel talba</u>

In sostenn tal-ewwel talba, Giana G. tirreferi ghall-Art 830(2)(a) u/jew ghall-Art 836(1)(c) tal-Kap 12.

### a) <u>L-Art 820(2)(a) tal-Kap 12</u>

**<u>L-Art 830(2)(a)</u>** irid jinqara mal-**<u>Art 830(1) tal-Kap 12.</u>**

Dak rilevanti fis-sostanza miz-zewg disposizzjonijiet ghall-kwistjoni tal-lum huwa illi meta jinhareg mandat kawtelatorju ta` arrest ta` bcejjec tal-bahar, l-att jithassar kemm-il darba l-parti li kontra taghha l-att ikun gie mahrug, taghmel depozitu jew taghti garanzija illi, fl-opinjoni tal-qorti, skont ic-cirkostanzi tal-kaz, ikunu bizzejjed biex iqieghdu fiz-zgur il-jeddijiet jew il-pretensjonijiet imsemmija fl-att.

Fil-kaz tal-lum jirrizulta ppruvat li kontestwalment mar-rikors odjern, Giana G. ipprezentat kopja ta` cedola ta` depozitu nru 751/2018 ghall-ammont ta` €25,000 (oltre €320 bhala spejjez) biex tikkawtela l-pretensjoni ta` Mifsud skont il-Mandat de quo.

Li saret din ic-cedola mhux kontestat minn Mifsud.

**Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa` l-ewwel talba abbazi tal-Art 830(1) u 830(2)(a) tal-Kap 12.**

**b) <u>L-Art 836(1)(c) tal-Kap 12</u>**

**Billi qeghda diga` laqghet l-ewwel talba kif fuq inghad, ma hemmx htiega li tqis it-talba abbazi tal-Art 836(1)(c) tal-Kap 12.**

**IV. <u>It-tieni talba</u>**

Il-Qorti sejra tichad it-tieni talba ghaliex it-talba tohrog barra mill-parametri ta` procediment ta` din ix-xorta.

Ghalkemm il-Qorti laqghet it-talba ghar-revoka tal-Mandat de quo abbazi tal-Art 830(2)(a) bla ma kellha ghalfejn tqis it-talba abbazi tal-Art 836(1)(c) jibqa` l-fatt illi **<u>fis-sostanza</u>** l-procediment ghar-revoka ta` att kawtelatorju huwa **<u>principalment</u>** regolat bl-Art 836 tal-Kap 12 li mid-dictura stess tad-disposizzjoni fl-assjem taghha tfittex il-heffa ta` provvediment mill-Qorti. Kien ghalhekk illi, fuq l-iskorta ta` l-gurisprudenza, l-iskop ta` procediment ta` din ix-xorta mhuwiex li jinkisbu dikjarazzjonijiet li jgeghlu lill-Qorti illi tidhol bilfors li fil-mertu daqs li kieku dan il-procediment kien kawza skont il-procediment ordinarju formali. Fi procediment bhal dan tal-lum, l-istharrig li obbligata taghmel il-Qorti **<u>jrid ikun sommarju u b`analizi *prima facie*</u>**.

Fil-provvediment li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta` Mejju 2001 fil-kaz "**<u>Camilleri vs Gove et</u>**" inghad illi :-

> *"mid-dispozizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta` prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta` procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Tajjeb illi jigi rilevat illi dak li l-qorti trid tasal ghalih fi proceduri bhal dawn m`ghandu bl-ebda mod jitqies daqslikieku kien xi pronunzjament jew gudizzju dwar il-mertu ghaliex l-istharrig mehtieg fi proceduri ta` din ix-xorta huwa relatat ma` ezami x`aktarx formali ta` l-att li tieghu tkun qeghda tintalab ir-revoka in toto jew in parte. L-istharrig li trid taghmel l-awtorita` gudizzjarja huwa fl-ewwel lok li tistabilixxi jekk ir-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-mandat ikunux qeghdin jidhru mill-att innifsu, u fit-tieni lok jekk l-att ikunx intalab u nkiseb b`mod abbusiv. (ara : Qorti tal-Kummerc : 23 ta` Gunju 1994: "**Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia noe et**"). Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux ikun imxejjen jew imgarrab b`leggerezza. Barra minn dan ghandu jibqa` salvagwardat il-jedd ta` persuna li tikkawtela u thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv ikun determinat mill-Qorti (ara : PA : 29 ta` Novembru 2001 : "**Vincent Mercieca vs George Galea**")

**Bit-tieni talba kif dedotta, Giana G. qeghda titlob lill-Qorti taghmel dikjarazzjoni illi l-Mandat de quo kien intempestiv u/jew sar b`qerq ghar-raguni ndikata fl-istess talba. Kontra dak li ghamlet fil-kaz tat-tliet talbiet l-ohra, Giana G. imkien ma ndikat d-disposizzjoni tal-ligi illi fuq l-iskorta taghha ressqet din it-tieni talba.**

**Il-Qorti tishaq illi ma tistax taghmel dikjarazzjoni kif dedotta fir-raba` talba fi procediment ta` din ix-xorta. Dan qed jinghad apparti l-fatt illi anke li kieku kellha tippermetti li dak mitlub jista` jsir fi procediment ta` din ix-xorta, ma hemmx ness bejn id-dikjarazzjoni mitluba u r-raguni ghad-dikjarazzjoni mitluba.**

**Ghalhekk qeghda tichad it-tieni talba.**

## V. It-tielet talba

Bit-tielet talba Giana G. qeghda titlob l-applikazzjoni tal-Art 861 tal-Kap 12 kontra Mifsud.

**L-Art 861 tal-Kap 12** jaqra hekk :-

*Jekk jinsab li l-mandat gie miksub mir-rikorrent fuq talba maghmula b'qerq, il-penali skont l-artikolu 836(8) ma ghandhiex tkun ta' inqas minn hdax-il elf u sitt mitt euro.*

Din id-disposizzjoni taghmel parti minn serje ta` disposizzjonijiet li jirregolaw mandat bhal dak in ezami.

**Ghall-istess ragunijiet illi tat fil-kaz tat-tieni talba, sejra tichad it-tielet talba.**

## VI. Ir-raba` talba

Fir-raba` talba, Giana G. tinvoka l-applikazzjoni tal-**Art 836(8)(b) tal-Kap 12.**

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*Il-qorti **tista'** tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju*

…

*jekk, fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg **jew** illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, **jew**, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà bizzejjed :*

***Izda** d-dispozizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm **ragunijiet ta' urgenza** ghall-hrug tal-mandat.*

(enfasi u sottolinear tal-qorti)

Tajjeb jinghad illi l-Art 836(8) tal-Kap 12 jaghti **diskrezzjoni** lill-qorti li timponi penali kontra l-persuna li tkun ipprezentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun gie prezentat l-att.

Ghall-fini ta` din it-talba, tajjeb jekk il-Qorti tqis il-fatti kif jirrizultaw *prima facie* mill-atti ta` dan il-procediment.

Ir-rikors bit-talba ghall-hrug tal-Mandat de quo kien prezentat fil-**21 ta` Lulju 2017**. L-ezekuzzjoni tal-Mandat de quo saret fil-**21 ta` Lulju 2017**. Il-kawza dwar il-mertu fl-ismijiet *Christopher Mifsud vs Giana G. Limited (Rik. Gur. Nru. 729/2017 JZM*) kienet prezentata fl-**10 ta` Awissu 2017**.

**Imkien ma rrizulta** fil-kors ta` dan il-procediment illi bejn id-data tal-ezekuzzjoni tal-Mandat u d-data tal-presentata tar-rikors guramentat, Giana G. ghamlet xi kuntatt ma` Mifsud fejn interpellatu bil-fomm jew bil-miktub sabiex isostni l-pretensjoni tieghu nkella jhassar il-Mandat (ara l-provvediment ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-23 ta` Dicembru, 2011 : Rikors Nru. 1066/2011 : **Fahrenheit Freight Forwarders Co Limited vs Market Handle Limited et**). It-talba tal-ezekutat ma tridx tkun tabilfors wahda solenni fis-sura ta` att gudizzjarju jew kawza formali [App. Civ. 13.3.2001 fil-kawza fl-ismijiet **Rapa vs Sammut** (Kollez. Vol: LXXXV.ii.142]. Bizzejjed jekk tkun wahda verbali.

Ikompli jinghad illi Giana G. mhux biss jidher li baqghet inattiva fil-perijodu ndikat fil-paragrafu precedenti, izda sahansitra baqghet lura anke wara u halliet sas-**17 ta` April 2018** sabiex tibda dan il-procediment.

Fil-kors ta` dan il-procediment, irrizulta li kontra Giana G. talab il-hrug ta` dan il-Mandat **biss**. Il-fatt illi kien selettiv fil-Mandat li tieghu talab il-hrug m`ghandux ikun fatt li jiskredita l-posizzjoni tieghu.

Il-fatt li Giana G. kien sorgut Malta mill-2012 u kien amministrat minn socjeta` **ma jaghmilx** it-talba ghall-hrug tal-Mandat de quo abbusiva jew malizzjuza jekk il-bastiment kien l-uniku *asset* li ghandha s-socjeta` ezekutata biex taghmel tajjeb fil-kaz li Mifsud jkun kanonizzat kreditur taghha b`sentenza li tghaddi in gudikat. Fil-fatt fil-kors ta` dan il-procediment, is-socjeta` ezekutata ma rwietx li ghandha assi ohra li bihom tkun tista` taghmel tajjeb. Il-Qorti timxi fuq il-massima li l-*bona fede* hija prezunta u li l-hazen irid jigi ippruvat (ara : App. Civ 7.7.1920 fil-kawza fl-ismijiet **Miller Blacker pro et noe vs Howard** (Kollez. Vol: XXIV.i.554).

Fil-fehma ta` din il-Qorti, Mifsud iggustifika t-talba ghall-hrug tal-Mandat u ghalhekk ma hemm ebda kwistjoni ta` imposizzjoni ta` penali. Kull mandat jikkreja nkonvenjent jew diffikulta` xi drabi serja ghall-allegat debitur. Dan

wahdu pero` mhux bizzejjed biex ixejjen id-dritt ta` kull kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tieghu b`kull jedd li tipprovdi l-ligi.

**Ir-raba` talba qeghda tkun respinta wkoll.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti Giana G. Limited, wara li qieset ir-risposta tal-intimat Christopher Mifsud, billi :-**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tirrevoka il-Mandat ta` Arrest Kawtelatorju numru 1078/2017 skont l-Art 830(2)(a) tal-Kap 12.**

**Tichad it-talbiet l-ohra.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu fl-ismijiet *Christopher Mifsud vs Giana G. Limited (Rik. Gur. Nru. 729/2017 JZM).***

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**